MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Numru. 88/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Ronald Busuttil iben Paul u Martha nee` Bonnet, imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Gunju, 21982, residenti 55 Triq Santa Marija, Ghaxaq, detentur tal-karta ta' l-identita nr: 328682M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Ronald Busuttil u cioe` talli bejn it-23 u l-24 ta' Jannar 2009 minn gewwa numru Sanste Court, Flt 2, Triq il-Mithna, Marsaskala ikkommetta serq ta' zewg mobile phones u digital camera li l-valur taghhom jeccedi il-232.94 Euro (Lm100) izda ma jeccedix il-2329.4 Euro (Lm1000) ghad-dannu ta' Stephanie Anna Pace u Maurizio Pace, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-persuna.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. datata 21 ta' Gunju, 2005, liema sentenza Saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukt Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-p-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha lill-imputat,  u l-fatt illi l-camera misruqa giet ritornata lid-derubati u li  l-imputat iddikjara li lest ihallas ghad-danni subiti lid-derubati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 ( c )(d(e)), 267, 268, 269, 279(a), 280(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonjiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' dan is-sentenza jew jekk jonqos li jsegwi l-ordnijiet mghotija lilu mill-Probation Officer.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas lil Stephanie Anna Pace u Maurizio Pace is-somma ta’ erba’ mija u sitta u sittin euro (€466) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti jigu notifikati lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------